MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. GRAZIELLA TANTI LL.B, LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025**

**Avviż tat-Talba numru: 243/2023 GT**

**CARMELO FARRUGIA**
**[K.I. NRU. 371967M]**

***VERSUS***

**T & C CIAPPARA CONSTRUCTION COMPANY LIMITED**
**[REĠ NRU. C-18213]**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviż tat-Talba mressaq nhar it-18 ta' Lulju, 2023,[1] u d-dokumenti annessi, fejn l-attur talab li t-Tribunal jiddikjara lis-soċjeta' intimata debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€898.05) rappreżentanti danni sofferti konsegwenza ta' inċident li seħħ f'Ġunju 2021, u kif ukoll talab sabiex is-soċjeta' konvenuta tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta' tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€898.05). L-attur talab ukoll l-ispejjeż.

[1] a fol 1 et seq tal-atti proċesswali

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata fl-24 ta' Ottubru, 2023 u ppreżentat ir-risposta tagħha fit-3 ta' Novembru, 2023.[2]

Ra l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta, li hi waħda ta' natura preliminari, fejn qed jintalab illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li l-istess azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta.

Ra l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha mressqa mis-soċjeta' konvenuta fir-risposta tagħha.

Ra d-digriet tal-Prim Imħallef datat 26 ta' Marzu 2025, fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan it-Tribunal li kien presedut minn Dr. Duncan Borg Myatt ġew assenjati lil dan it-Tribunal kif issa presedut.[3]

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa.

Ra u semgħa x-xhieda.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra li l-partijiet ma kellhomx iktar provi xi jressqu dwar l-eċċezzjoni preliminari.

Ra u semgħa l-partijiet jitrattaw dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Ra li t-talba tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari.

---

[2] Ara folder a fol 12 u risposta a fol 14 et seq tal-atti proċesswali
[3] A fol 50 et seq

**Ikkonsidra:**

Illi din is-sentenza hija dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta. Permezz ta' din l-eċċezzjoni s-soċjeta' konvenuta qed tgħid illi l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta. Ikun tajjeb li l-ewwelnett dan it-Tribunal jirreferi għax-xhieda u provi prodotti mill-partijiet.

Illi rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta, **Anthony Ciappara** fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur tal-kumpannija T & C Ciapara Construction Company Limited xehed permezz ta' affidavit u kkonferma li qabel ma rċeviet din il-kawża f'Ottubru 2023, il-kumpannija konvenuta qatt ma rċeviet xi ittra bil-qorti jew xi kawża oħra li kellhom x'jaqsmu mal-istess kwistjoni. Qal ukoll illi mhux minnu li l-kumpannija konvenuta hija responsabbli ta' xi ħsarat li seta' ġarrab Carmelo Farrugia u li mhux minnu li għandu jieħu xi flus mingħand il-kumpannija. Ikkonferma li l-kumpannija konvenuta m'għandha tagħti l-ebda ammonti ta' flus lill-istess Carmelo Farrugia u li mhijiex debitriċi tiegħu, minħabba li fost oħrajn hija ma hija bl-ebda mod responsabbli għall-ħsarat u inċident li qed isemmi, jekk dawn verament seħħew.

Fil-verbal tas-seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2024 seduta stante l-avukat tal-attur ikkonferma li għajr għall-ittra uffiċjali numru 1972/2023, l-Attur ma ppreżenta l-ebda Att Ġudizzjarju ieħor fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta.[4]

---

[4] A fol 19 tal-Atti tal-proċess

Is-soċjeta' konvenuta esebiet permezz ta' nota[5] vera kopja tal-ittra uffiċjali 1972/2023, bin-notifiki fejn jidher li s-soċjeta' konvenuta ma ġietx notifikata u wkoll li l-indirizz ma nstabx. Illi mal-ittra uffiċjali msemmija hemm rikors li sar mill-attur permezz ta' liem kien talab lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-Qorti tawtorizza n-notifika permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni ad esklużjoni tal-affissjoni mal-bieb tar-residenza f'Għawdex minħabba ċ-ċirkostanzi li spjega fir-rikors li l-marixxal f'Għawdex infurmat lill-avukati tal-attur illi ma tistax issib tali dar. Illi anness mal-istess ittra uffiċjali hemm ukoll digriet datat 17 ta' Lulju, 2023 fejn il-Qorti ordnat illi r-rikorrent jesebixxi l-ittra uffiċjali inkwistjoni bl-atti tagħha li juru t-tentattivi ta' notifika u r-riferti relattivi.

L-attur **Carmelo Farrugia** preżenta nota b'sensiela ta' ritratti li juru l-ħsara li qed jgħid li ġarrab l-attur u kif ukoll *barrier*.[6] Tajjeb li jingħad li dana magħdud mad-dokumenti preżentati mal-Avviż tat-talba fejn ġiet preżentata invoice maħruġa minn Kind's Autosales Ltd. li juri li tħallas l-ammont ta' erbgħa mija u żewġ Euros u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€402.45)[7] u kif ukoll ġiet preżentata riċevuta tal-VAT maħruġa minn Alexander Scicluna[8] fejn hemm miktub "Daqqa+Spray+Fanalbdil YPY-350" u l-ammont mħallas skont l-istess irċevuta hu dak ta' Erbgħa mija, ħamsa u disgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€495.60).

Illi l-attur xehed permezz ta' affidavit fejn qal illi f'Ġunju, 2021 kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Mercedez bin-numru tar-reġistrazzjoni YPY-350 fi Triq Sir Temi Zammit, l-Imġarr direzzjoni lejn il-Mosta

[5] Nota tinsab a fol 23
[6] Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2024 u liema nota tinsab a fol 23
[7] liema dokument ġie mmarkata bħala Dok A u jinsab a fol 2
[8] Liema dokument jinsab immarkat bħala Dok B u jinsab a fol 3

għall-ħabta tat-8:15am fejn dak il-ħin kien mgħobbi bit-tfal tal-iskola u waqt li kien qed isuq ġewwa din it-triq, qamet żiffa riħ qawwija b'dan illi *barriers* tal-plastik li kienu jinsabu ġewwa dik it-triq minħabba xogħlijiet ta' kostruzzjoni li kienu qed isiru dak iż-żmien, taru għal fuq il-vann li kien qiegħed isuq l-attur. Jgħid li hu għamel minn kollox biex jevita li jolqot il-*barriers* iżda kien kollu għal xejn u seħħ l-impatt li spiċċa kkaġuna diversi ħsarat fil-vann misjuq minnu. Ikkonferma fl-affidavit tiegħu li meta mar biex iċaqlaq il-*barriers* seta' jinnota kif huma ma kellhom l-ebda ilma fihom u kien propju għalhekk li huma spiċċaw taru bir-riħ għax li kieku huma kienu mimlija bl-ilma kif suppost kien ikollhom ċertu piż, u b'hekk l-inċident ċertament ma kienx iseħħ. Jgħid li nnota ħsarat li ma kienux preżenti qabel dan l-inċident u li jikkonsistu fil-*bumper* ta' quddiem li kien mibrux, il-*mudguard* li kien milqut u l-fanal ta' quddiem tan-naħa tal-passiġġier li kien imkisser. Jgħid li wara li niżżel lit-tfal baqa' sejjer l-għassa tal-Mosta sabiex jagħmel rapport u l-għassa imbagħad idderiġewh imur Transport Malta, li minn naħa tagħha talbitu ritratti u kif ukoll stima tal-ħsarat relattivi liema dokumenti jgħid li provdielhom. Wara dan jgħid li r-rappreżentant legali tiegħu kien qed jikkorrispondi mal-Awtoritajiet konċernati sabiex jipprovdulu d-dettalji rigward liema kuntrattur kien qiegħed jaħdem fit-triq fejn seħħ l-inċident, liema awtoritajiet damu diversi xhur sabiex jipprovdulhom id-dettalji mitluba. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm diversi tentattivi sabiex il-ħsarat li kellu jagħmel tajjeb għalihom hu jiġu mħallsa da parti tal-kuntrattur li kien qiegħed jaħdem fit-triq fejn seħħ l-inċident u ċioe' T&C Ciappara Construction Company Limited biss pero' dawn id-diversi tentattivi kienu kollha għalxejn.

Illi xehdet permezz ta' affidavit **Josianne Carabott**[9] prodotta mir-rikorrent, u liema xhud tokkupa l-kariga ta' Segretarja tal-Board tal-Claims fi ħdan l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta. Ix-xhud ikkonfermat illi fis-sena 2021 l-Aġenzija kienet rċeviet *complaint* da parti tar-rappreżentanti legali tal-attur fejn intalbet sabiex tagħti dettalji rigward min kien il-kuntrattur inkarigat sabiex jesegwixxi xi xogħolijiet infrastrutturali ġewwa Triq Sir Temi Zammit, Mġarr fil-21 ta' Ġunju, 2021. Ix-xhud iddikjarat illi provdiet l-informazzjoni rikjesta lill-attur fid-19 ta' Jannar 2022, u li l-kuntrattur kien T & C Ciappara Construction Company Limited ċioe' s-soċjeta' konvenuta. Anness mal-istess affidavit ix-xhud provdiet ukoll kopja tal-korrispondenza li hija qalet li ntbagħtet lill-attur.

In **kontro-eżami** quddiem dan it-Tribunal kif presedut, ix-xhud Josianne Carabott, tgħid illi ma tiftakarx eżatt meta ntalbet l-informazzjoni. Tgħid li l-korrispondenza ntbagħtet lill-attur permezz ta' ittra għaliex l-attur ma kellux indirizz elettroniku.

Illi mid-dokumenti esebiti u mix-xiehda jidher għalhekk illi l-inċident seħħ fil-21 ta' Ġunju, 2021, l-ittra uffiċjali ġiet preżentata fir-reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali fl-20 ta' Ġunju, 2023 u qatt ma ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta, iżda rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta ġie notifikat l-ewwel darba b'att ġudizzjarju mill-attur meta ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba odjerna fl-24 ta' Ottubru, 2023. Kien għalhekk illi s-soċjeta' konvenuta eċċepixxiet il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap 16.

[9] Affidavit preżentat permezz ta' nota fl-24 ta' Ottubru 2024 liema nota bl-affidavit tinsab a fol 45 et seq tal-atti

Fis-sottomissjonijiet orali quddiem dan it-Tribunal kif presedut, is-soċjeta' konvenuta sostniet illi l-ittra uffiċjali ġiet preżentata eżatt sentejn wara l-allegat inċident u għalhekk is-soċjeta' konvenuta ma kienitx tlaħħaq tkun notifikata. Is-soċjeta' konvenuta sostniet illi l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta. L-Avukat difensur tas-soċjeta' konvenuta jirreferi għall-artikolu 2128 tal-Kap 16 jgħid illi l-preskrizzjoni tinkiser biss b'kull att ġudizzjarju ppreżentat f'isem il-kreditur li jiġi notifikat lill-parti l-oħra. Dwar dan it-Tribunal m'għandux dubju illi l-ittra uffiċjali ma ġietx notifikata lis-soċjeta' konvenuta fi żmien li jirrikjedi artikolu 2153, u ċioe' fi żmien sentejn mid-data tal-inċident.

Minn naħa l-oħra iżda, l-avukat difensur tal-attur fit-trattazzjoni orali tiegħu qajjem kwistjoni illi l-attur kien fl-impossibilita' li jinnotifika lis-soċjeta' konvenuta u qal ukoll illi damu ma saru jafu min kien il-kuntrattur responsabbli. L-attur jgħid illi teżisti sitwazzjoni fejn hemm azzjoni jew nuqqas li seta jwassal ghal kemm proċeduri ta' natura penali u dawk ta' natura ċivili. L-attur jagħmel referenza kemm għal artikolu 2154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll jagħmel referenza għas-sezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kodici kriminali fejn tghid illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri biss fil-mument li inti effettivament tkun konsapevoli min kienet il-parti li kkaġunat dan l allegat dannu. Jgħid illi setghu ikunu proċeduri ta' ħsarat involontarji u li l-kodiċi Kriminali jgħid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-mument li inti effettivament tiġi mgħarraf min kienet il-parti li kkaġunat dan in dannu.

Is-soċjeta' konvenuta tirrileva illi ma tressqu l-ebda provi li turi din id-diffikulta' fl-atti għaliex ma tressaqx rappreżentant tal-*Malta Business Registry* biex jgħidu x'tip ta' indirizz għandha s-soċjeta' konvenuta u li s-

soċjeta' konvenuta baqgħet fl-istess indirizz. Jgħid illi l-artikolu 2154 japplika għaż-żmien ta' preskrizzjoni biss u mhux l-artikoli kollha tal-Kodiċi Kriminali.

**<u>Ikkunsidra ulterjorment:</u>**

Illi wara dan ir-riassunt ta' provi, it-Tribunal ser jevalwa dawn il-provi fid-dawl tal-liġi u l-ġurisprudenza.

Il-Ġurisprudenza nostrana turi li jeżistu tliet tipi ta' danni:
(i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju (il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' l-azzjoni kriminali),
(ii) dawk derivanti minn ħtija akwiljana (il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn), u
(iii) dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (il-preskrizzjoni hi dik ta' ħames snin).[10]

Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet "**Leonard Cutajar et vs. Awtorità tal-Ippjanar**[11]**,** intqal illi***:***
*"Huwa miżmum li meta tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ewwel determinazzjoni li għandha ssir mill-Qorti tirrigwarda l-applikabilità tal-preskrizzjoni eċċepita għall-azzjoni tal-attur.[12] Fejn jinstab li dik il-preskrizzjoni hija tassew applikabbli, ikun imiss li l-Qorti teżamina l-provi biex tara tistax tasal għall-jum meta t-terminu tal-preskrizzjoni beda jiddekorri. L-oneru tal-prova dwar meta beda għaddej*

[10] Ara sentenza tal-Appell Ċivili Inferjuri Numru. 28/2010 datata 6 ta' Ottubru, 2010 fl-ismijiet "**Donald u Elizabeth Pirotta vs England Insurance Agency Ltd" u** "**Joseph Micallef *nomine* -vs Carmelo Cassar**", Appell Civili, 27 ta' April, 1953.
[11] Appell Superjuri ref 763/11/1 MCH mogħtija fil-25 ta' Marzu, 2025
[12] Ara deċiżjoni "**Austin Psaila v. Lothar Slabick",** Appell Ċivili Inferjuri Ref: 544/2003/1, 9 ta' Frar 2005.

*dan it-terminu jinkombi fuq il-parti li teċċepixxi l-preskrizzjoni*[13] *. Min-naħa l-oħra, il-prova li jeżistu ċirkostanzi li jwasslu għall-interruzzjoni jew għas-sospensjoni tat-terminu, jew inkella għal rinunzja għall-preskrizzjoni magħluqa, tinkombi fuq il-parti li trid tegħleb l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*[14]

Illi t-Tribunal ħares lejn l-artikoli 2153 u 2154 (1) tal-Kodiċi Ċivili [Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta] li jgħidu:
*"2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*
*2154. (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."*

Sabiex it-Tribunal jasal sabiex jevalwa jekk japplikax l-artikolu 2153 dwar il-preskrizzjoni kif eċċepixxiet is-soċjeta' konvenuta jew l-artikolu 2154 kif qed jgħid l-attur, l-ewwelnet irid iħares lejn l-avviż tat-talba u lejn dak li qed jippretendi l-attur. L-attur qed jitlob danni wara li *barriers* tal-plastic taru għal fuq il-vettura tiegħu. Fl-affidavit tiegħu imbagħad jispeċifika li dawn il-*barriers* ma kellhomx ilma fihom kif suppost u li għalhekk seħħ dan l-inċident.

Illi t-Tribunal josserva li l-kawża ġiet intavolata biss fir-rispett tal-kumpannija nnifisha u mhux wkoll kontra xi direttur tal-kumpannija konvenuta. Illi jingħad illi fil-kamp penali, kumpannija qatt ma tista'

---

[13] Ara "**Paolo Calleja v. Luigi Vella**", Appell Kummerċjali, 15 ta' Ġunju 1964 (Kollezz. Vol.XLVIII.i.603), kif ukoll "**Guido J. Vella A&CE v. Dr. Emanuel Cefai LL.D**," Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru 2001.
[14] Ara ***Mary Rose Tabone qabel Stellini v. Silvio Vassallo pro et noe***, Appell Inferjuri, 24 ta' Marzu 2004.

tinstab ħatja tar-reat li qed jgħid li sar l-attur. Madanakollu t-Tribunal ħares lejn diversi sentenzi sabiex jevalwa jekk l-artikolu 2154 (1) japplikax f'dan il-każ in vista tal-fatt illi l-istess artikolu jsemmi ħsarat ċivili kkawżati b'reat.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri tal-31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet **"Mary Ann Borg nomine vs. Korporazzjoni Enemalta et"**[15] intqal:

*"9. Jekk l-azzjoni ċivili tintlaqatx bl-art. 2153 jew mill-art. 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx ħati tar-reat, iżda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab mill-qorti ċivili u sal-grad ta' prova li trid il-liġi ċivili illi l-fatt ma seħħx, l-azzjoni tfalli mhux minħabba l-preskrizzjoni iżda għax il-premessa tal-azzjoni ma ġietx provata. Iżda ma tistax aprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-liġi ċivili tgħid illi, għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ma sabitx ħtija ta' reat, dan ipso iure jwassal għall-konklużjoni li l-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ ma hijiex dik taħt l-art. 2154.*

10. *Fil-każ tallum l-attur essenzjalment qiegħed igħid illi l-għemil tal-konvenuti huwa dak ta' "min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd", li huwa r-reat kriminali ta' omiċidju involontarju kif definit taħt l-art. 225 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa biżżejjed biex għall-każ ikun igħodd l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk imbagħad ma jinstabx li l-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, huwa ħati ta' dak in-nuqqas, dan, kif ġà ngħad, iwassal biex l-azzjoni*

---

[15] Appell Civili Numru. 426/2005/1

*taqa' minħabba nuqqas ta' prova tal-premessa tagħha, u mhux minħabba preskrizzjoni taħt l-art. 2153."*

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Isabelle Borg et vs Robert Galea et** datata 3 ta' Marzu, 2011[16], ġie ritenut illi: *"L-ewwel qorti korrettement irriteniet li biex jiġi determinat jekk għemil hux reat jew le ma hux meħtieġ li jkunu ttieħdu proċeduri kriminali u jekk l-għemil in kwistjoni jkun oġġettivament jammonta għal reat allura dak l-aġir xorta jkun reat kopert għall-fini tal-preskrizzjoni bl-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili."*

Illi f'sentenza li tikkonċerna każ simili ħafna għall-każ mertu tal-kawża odjerna, fl-ismijiet **"Korporazzjoni Enemalta Vs Michael Grima, Victor Hili u Road Construction Ltd"**[17], il-Qorti filwaqt illi ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 fil-konfront tad-diretturi tal-kumpannija, sostniet illi fil-konfront ta' kumpannija ma jistax japplika l-artikolu 2154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u intqal illi:
*"Ghalhekk fir-rigward tal-konvenuti Victor Hili Michael Grima l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ser tigi michuda.* ***Mhux l-istess jinghad fir-rigward tal-kumpannija Road Construction Limited. Din hija kumpannija u bhala tali qatt ma tista' tinstab hatja tar-reati kontemplati fl-Artikoli 326 u 328 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).****(Emfasi ta' dan it-Tribunal) Minn qari tac-citazzjoni jidher bic-car li l-Korporazzjoni attrici bbazat il-kawza taghha fil-konfront tal-kumpannija fuq il-fatt li ghalkemm kienet taf "bl-istat perikolanti tal-hajt imsemmi, naqsu illi jiehdu l-prekawzjonijiet u l-passi necessarji illi jirrangaw l-*

[16] Ref: 765/2001/1
[17] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, fit-2 ta' Mejju, 2007, Cit. Nru. 3/2000/1

*istess hajt". Il-kawzali fil-konfront ta' din il-kumpannija hija t-traskuragni minnaha tal-kumpannija konvenuta u Victor Hili ghaliex filwaqt li kienu jafu li l-hajt kien jinsab fi stat perikoluz ma hadu azzjoni biex jirrimedjaw ghan-nuqqasijiet li kellu dan il-hajt. Din tammonta ghal imputazzjoni ta' hsara involontarja kagunata minhabba traskuragni u negligenza. Fejn ipprovat kaz simili jikkostitwixxi reat, ghalhekk ghal finijiet ta' preskrizzjoni f'kawza civili ghall-hlas ta' danni japplikaw ir-regoli li nsibu fil-Kodici Kriminali ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali.* ***Il-kumpannija konvenuta m'hijiex legalment kapaci li tikkommetti dan ir-reat*** *(Emfasi ta' dan Tribunal) (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet* ***Albert Victor Mallia noe vs Dottor Emilio Parma et noe****). F'din l-istess sentenza li wkoll kienet tittratta eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn l-attur nomine kien qieghed isostni li kellu japplika l-Artikolu 2154 tal-Kap. 16 fil-konfront tal-konvenuta li kienet kumpannija, il-Qorti osservat:-*

*"....kwindi l-azzjoni kif esperita kontra taghha ma tistax tkun ta' danni kawzati b'dak ir-reat, u l-artikolu 2259(1)(illum 2154) u d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali dwar omicidju involontarju u l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali m'huwiex applikabbli fil-kaz prezenti……… F'dan id-dawl jekk da parti tas-socjeta' appellata seta' kien hemm xi responsabbilta' ghad-danni din setghet tkun biss responsabbilta' civili naxxenti minn kawza li m'hix reat".*

Illi dwar dan ara wkoll deċiżjoni tat-Tribunal diversament presedut datata 10 ta' Jannar, 2006 fl-ismijiet **"Korporazzjoni Enemalta vs Vella Group Limited u John Mary Vella"**[18] fejn intqal:

[18] Liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, datata 8 ta'Ġunju, 2006 Appell Civili Numru. 1837/2004/1

*"Mill-banda l-ohra pero', m'huwiex permissibbli li kif jinsab bhalissa li f'kazijiet simili jittiehdu proceduri kriminali kontra kumpanija limitata b'differenza ghal dak li jista' jsir (per ezempju fil-kamp li jirrigwarda l-ambjent taht id-direttivi l-odda li hargu mill-Kumonjuni Ewropea) u ghalhekk wiehed ma jistax logikament jipprova jargumenta illi tapplika xi preskrizzjoni kriminali fil-konfront tas-socjeta' konvenuta. It-Tribunal ghalhekk m'ghandux alternattiva hlief illi jadopera l-preskrizzjoni civili u cjoe' dik ta' l-Artikolu 2153, cjoe' danni rizultanti minn att ta' negligenza u konsegwentement, stante li ghaddew aktar minn sentejn minn meta sehh l-incident sa dakinhar li s-socjeta' konvenuta giet notifikata b'att gudizzjarju, fil-konfront taghha l-azzjoni tinsab preskritta."* Madanakollu f'dan il-każ, il-kawża xorta waħda tkompliet kontra d-direttur fil-vesti tiegħu personali li kellu jassumi r-responsabbilita' personali. Dan mhux possibbli fil-kawża odjerna in vista tal-fatt illi l-proċeduri ġew istitwiti biss fil-konfront tal-kumpannija konvenuta.

Illi l-każ kif spjegat fl-avviż tat-talba jista' jammonta għall-imputazzjoni ta' ħsara involontarja kkaġunata minħabba traskuraġni u negliġenza u li jikkonstitwixxi reat taħt l-artikolu 328 (d) tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] kontra diretturi ta' kumpannija. Madanakollu fid-dawl tas-sentenzi kollha fuq kwotati u oħrajn dwar dan is-suġġett, minħabba li dan il-każ infetaħ biss fil-konfront tal-kumpannija konvenuta li legalment mhux kapaċi tikkommetti r-reat li qed jgħid li seħħ l-attur, l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili [Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta] u l-artikoli dwar il-preskrizzjoni kriminali mhumiex il-liġi applikabbli f'dan il-każ, iżda l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ hi dik taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili [Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta] u l-artikoli dwar il-preskrizzjoni ċivili.

Illi fir-rigward ta' dak li ntqal mill-attur dwar l-impossibilita' biex tiġi rintraċċata l-kumpannija u anke fir-rigward tal-prova li ressaq tar-rappreżentant tal-Infrastructure Malta dwar li dam biex sar jaf min kienet il-kumpannija responsabbli, it-Tribunal jibda biex jirreferi għall-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili [Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta] li jgħid:-

*"2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

Dwar dan, f'deċiżjoni fl-ismijiet **"Ratan Mohnani vs. Carmelo Stivala"** deċiża fil-11 ta' Ġunju 2010, Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet illi:

*"... jibda biex jiġi reġistrat illi kif jingħad fl-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tkun tmiss."*[19]

Il-Qorti tal-Appell Superjuri f'deċiżjoni fl-ismijiet **"Raphael Micallef *vs.* Anthony Agius",** tas-6 ta' Ottubru, 2020, qalet :

*"... it-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe jekk din kinitx f'kundizzjoni jew le li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni."*

Hekk ukoll intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija fit-18 ta' Novembru, 2020, fl-ismijiet "**Elmo Insurance**

[19] Appell Inferjuri Numru 306/2006/1 per Onor. Imħallef Philip Sciberras.

**Limited *vs.* Rose Parnis et"**[20] fejn irreferiet għal dawn iż-żewġ sentenzi fuq ċitati u ntqal illi**:**

*"Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema legali tagħna l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li toriġina l-obbligazzjoni, u jitwieldu d- dritt u l-azzjoni konsegwenzjali."*

Illi wkoll minkejja li ġiet preżentata fl-atti ta' din il-kawża, kopja ta' rikors preżentat mill-attur f'dan ir-rigward fejn kien talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tawtorizza n-notifika permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni ad esklussjoni tal-affissjoni mal-bieb tar-residenza f'Għawdex (u dana kien possibli permezz tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12), ma ġie preżentat l-ebda digriet bħala prova fl-atti ta' din il-kawża, li juri li l-Qorti awtorizzat lill-attur sabiex issir l-affissjoni u pubblikazzjoni mingħajr il-ħtieġa li din issir ukoll fl-indirizz tas-soċjeta' konvenuta. Ukoll mill-provi prodotti, lanqas jidher li saret din il-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni anke jekk ad esklużjoni tal-affissjoni mal-bieb tal-kumpannija f'Għawdex.

Illi mill-Atti jirriżulta illi l-ewwel darba li ġiet notifikata bil-każ odjern is-soċjeta' konvenuta kien biss meta ġiet notifikata bl-Avviż tat-Talba odjern fl-24 ta' Ottubru, 2023, għalhekk iktar minn sentejn wara li ġara l-inċident mertu ta' din it-Talba. Mill-provi ma rriżultax li kien hemm xi interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni. Għalhekk il-preskrizzjoni fil-każ odjern bdiet tiddekorri minn dak in-nhar li seħħ l-inċident, fejn mill-provi prodotti rriżulta li kien fil-21 ta' Ġunju, 2021.

lli in vista tas-suespost jirriżulta għalhekk lil dan it-Tribunal li l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta li tqajjem il-preskrizzjoni fit-terminu

[20] Appell Inferjuri Numru 51/2019 LM per Onor. Imħallef Lawrence Mintoff

tal-artikoli 2153 tal-Kodiċi Ċivili [Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta] hija ġustifikata u t-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-istess.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant**, għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjeta' konvenuta, jiddikjara l-azzjoni preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili [Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta] u konsegwentement jiċħad it-talbiet attriċi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a kariku tal-attur.

**ft. AVV. DR. GRAZIELLA TANTI**
***Ġudikatur***

**ft. Adrian Pace**
***Deputat Reġistratur***